# Il-Kelma ta' l-Arċipriet...

## *Sena parrokkjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ (45)*

Ħames t'ijiem verament sbieħ li qatta' **l-kor *Magnificat* fi Sqallija**. Dawn uliedna għandhom talent kbir u tajjeb li aħna napprezzawhom u ninkuraġġuhom. Kantaw fil-Kattidral prestiġjuż ta' Messina, kantaw fil-knisja tal-patrijiet Sależjani f'Taormina, kantaw fid-dar tas-sorijiet ta' San Vincenz de Paul Catania u kullimkien kelma waħda: x'leħen ta' anġli għandhom. Minkejja li kienu numru żgħir – għax kienu minn fost il-kbar biss – leħinhom mela l-Kattidral b'seħer liema bħalu. Dalwaqt tkunu tistgħu tisimgħuhom intom ukoll fuq l-*internet*. Il-Qala k'trid tista' toħroġ dejjem bl-unuri! Grazzi mill-qalb lill-ġenituri tal-koperazzjoni sħiħa tagħhom.

*Dun Joe Zammit*



Wara l-Kunċert flimkien ma' Mons Gulletta – l-Arċipriet tal-Katidral u l-organista ċelebri Rosario Mangano

### *A message to our foreign friends*

*This Sunday you can **donate blood** at the Hotel Calypso in Marsalforn from 8.30am to 1.00pm. Please take with you your Identity Card. Last Sunday in the General Hospital 51 persons offered to donate blood. And this is very encouraging.*

**"Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina"** *(Mt 6:12) (Awwissu 3)*
Dan l-aħħar il-Knisja f'pajjiżna għaddejja minn żmien diffiċli rigward il-kredibilita' tagħha, kif ilkoll nafu. Biss irridu noqgħodu attenti mill-ġudizzju li ngħaddu. Għax nista' ngħidilkom fiż-żgur, **mhux kull ma ntqal kien minnu**. Għalhekk prudenza u karita'. Fl-aħħar mill-aħħar mhux kull saċerdot hu pedofilu daqskemm mhux kull ġenitur hu pedofilu għalkemm kemm wieħed kemm l-ieħor jistgħu ikunu u għandhom jieħdu li ħaqqhom. Imbagħad, kif ngħidu, biex tiskonġra trid tkun pur u naħseb il-purezza fis-sema biss qegħda.

### Ħolqa ma' l-emigranti

| | |
|---|---|
| **Ġbir matul Ġunju** | |
| Ferta | €1470.08 |
| Żejt | €45 |
| Monument fis-Santwarju | €1900 |
| Donazzjonijiet | €150 |
| **Total** | **€3565.08 GRAZZI** |
| **Ġbir matul Lulju u għall-Festa** | |
| Ferta | €3321.61 |
| Kaxxi fil-knisja | €875.41 + 10 AUS$ + 50 US$ |
| Souvenirs | €242 |
| Ġabra Festa fl-envelopes | €2266.30 |
| Ġabra Festa (2) | €4439 + 230 |
| Ġabra Ħruġ Statwa San Ġużepp | €187 |
| Ġbir ieħor għall-Festa | €760 + 20 US$ |
| Emigranti | €220 + 100 AUS$ |
| AQA | €400 |
| Intenzjonijiet Quddies | €204 |
| Bukketti | €720 |
| Żejt | €88 |
| Ġabra Nar (3) | €1540 |
| Ġabra Kumitat tan-Nar (4) | €2120 |
| *Fund Raising* | €7000 |
| Mill-Grupp ta' Ta' Pinu | €46 |
| Ġabra Missjoni Ethiopia | €695 |
| Għas-Seminarju | €295 |
| Donazzjonijiet | €575 + 200 US$ |
| Għar-Radju | €255 + 5000 US$ + 300 AUS$ +160 Can $ |
| **TOTAL** | **€26.479.32** |
| + US$ 5270 + AUS$ 410 + 160 Can $. **GRAZZI** | |

### *Jista' jinteressak...*

- Dan il-*weekend* mit-8.00am sal-5.00pm id-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili se jorganizza ġbir ta' ikel u ilma bħala **għajnuna lill-poplu Libjan**. Il-pubbliku Għawdxi hu mitlub jieħu l-ikel u l-ilma fil-Ħeliport. Kumpaniji privati li jixtiequ jgħinu huma mitluba jikkuntattjaw lil Charlie Debono, uffiċċjal tal-Protezzjoni Ċivili, fuq in-numri 21660879 jew 99820772.
- Il-Ġimgħa fit-8.00pm Mons Isqof imexxi quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju tan-Nadur fl-okkażjoni tat-tieni anniversarju mill-mewt ta' **Dun Joshua**. L-Erbgħa ta' wara quddiesa għall-familjari mill-Arċipriet tal-Qala fl-istess post u ħin.
- Is-Sibt, 27 ta' Awwissu, nibdew bis-**Sibtijiet tal-Kunċizzjoni**. Segwu l-Programm li jaslilkom mal-Bullettin li jmiss. Fil-għaxija *High Tea* organiżżat mill-Kumitat tal-Banda.
- **'Ixtri Ġurnata'** ma' Radju Leħen il-Qala. Baqa' dawn il-ġranet vojta: Settembru 14, 18, 20, 21, 28, 30; Ottubru 4, 5, 6, 7, 8, 9,11,14,15,16,19, 20, 21, 22, 23, 25, 26, 28. Ikkuntatjaw lil Ivan Cefai 99476243.
- **Seminar għall-persuni nvoluti fil-ħidma pastorali favur il-familja**. It-tema magħżula hi 'Kif insaħħu l-grupp?'. Fih jingħataw suġġerimenti utli dwar dawk li huma *leadership skills*, *group dynamics* etc. li jistgħu jgħinu waqt l-iżvolġiment tal-laqgħat mal-koppji. Issir ukoll introduzzjoni għat-tieni sena tal-Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja u għall-ewwel sena tal-Mixja familji flimkien (il-mixja ta' formazzjoni permanenti għall-koppji miżżewġin żgħar li ser tinbeda din is-sena f'uħud mill-parroċċi). Is-Seminar isir fiċ-Ċentru ta' Kana, il-Ġimgħa 23 ta' Settembru mill-5.00pm sat-8.30pm. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.
- **Il-lotterija** tal-*hamper* tal-*High Tea* b'risq il-knisja intrebħet bin-numri 87 – 7, dik tal-*spot prizes* bin-numri 36 – 74 – 65.